# Mro Paul Schembri

## MISM MIWM

Kien propju 30 sena ilu li s-Surmast tagħna Mro Paul Schembri ħa f'idejħ it-tmexxija tal-Banda Sant'Andrija wara li rtira min din il-kariga Mro Anton Muscat Azzopardi. Nistgħu ngħidu li l-għażla tas-Surmast Paul Schembri kienet waħda awtomatika. Huwa iben l-istess Soċjetà tagħna, b'esperjenza kbira bħala solist mal-Banda tagħna kif ukoll baned oħra madwar Malta. Min jiftakar lis-Surmast Schembri jdoqq żgur jgħidlek li huwa kien l-aqwa Euphonium solist ta' żmienu. Matul is-snin is-Surmast Schembri għoġbu jirregala lil Banda diversi siltiet mużikali bl-aħħar waħda tkun l-*Poema Sagra – Sant'Andrija*, kapulavur ieħor f'ġieħ l-Appostlu Sant'Andrija patrun tas-Soċjetà u ta' Ħal Luqa. Propju l-profil tiegħu hawn taħt jagħti ħarsa lejn il-karriera mużikali tas-surmast tagħna matul dawn l-aħħar 30 sena.



Is-Surmast Paul Schembri twieled Ħal Luqa nhar it-13 ta' Frar 1931, iben Ġużeppi Schembri u Maria Carmela Costa. Huwa miżżewweġ lil Carmelina u għandu żewġt itfal, Anna u Mario.

Il-ġibda tiegħu lejn il-mużika kienet waħda ereditarja. Il-bużnannu kien Baritonu jkanta fit-Tejatru Rjal. In-nannu Vincenzo Cosra kien il-kuġin tas-surmast Costa, li kien magħruf għaż-żmien twil li għamel bħala Maestro di Cappella tal-Bażilika ta' Sant' Elena ta' B'Kara. Missier is-surmast kien ukoll vjolinista. Iz-ziju tas-surmast, Giuseppe Costa kien għal żmien twil klarinettist prim mal-Banda Sant'Andrija. Tnejn minn ħutu, kif ukoll il-kuġin tiegħu Ġużeppi u Indri Tanti, kienu kollha jdoqqu mal-Banda Sant'Andrija. Ġużeppi Tanti kien għamel ukoll xi żmien bħala klarinett solo mal-Banda Sant'Andrija.

Ta' sitt snin kien diġà beda juri l-interess

tiegħu fil-mużika, tant li ma kienx ifalli li ta' kull ġimgħa jattendi ma' zijuh għall-kunċert tal-banda li kien isir taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antonio Muscat Azzopardi. Dan l-entużjażmu wassal sabiex ta' tnax-il sena ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda Sant'Andrija. Il-karriera mużikali tiegħu mal-banda bdieha permezz ta' l-Althorn iżda wara ftit taż-żmien is-surmast Muscat Azzopardi ħajru sabiex ibiddel l-istrument għal Euphonium. Wara ħmistax-il ġurnata ta' studju bla heda, is-Surmast irritorna għall-kuncerti tal-banda, din id-darba bl-Euphonium.

Minn hawnhekk 'il quddiem qatt ma ħares lura tant li kien ta' kuljum jagħmel ammont sostanzjali ta' ħin jistudja l-istrument. Dan il-fatt kien ukoll innutat mis-surmast Muscat Azzopardi tant li wara ftit xhur dan ħajjar lis-surmast Schembri sabiex idoqq il-kunċert għall-Euphonium, Il Sospiro dell'Anima ta' G.B. Frosali. Dan il-kuncert indaqq fil-Pjazza quddiem il-Knisja ta' Ħal Luqa u kien intlaqa' tajjeb ħafna minn dawk preżenti. Wara dan is-suċċess ma damx wisq ma sar is-solista tal-banda Sant'Andrija. Wara ftit taż-żmien sar ukoll solista tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta. Il-karriera mużikali tiegħu bħala bandist damet għal 35 sena sħaħ fejn waqaf meta sar surmast direttur tal-Banda Sant'Andrija

Minbarra l-impenn bandistiku s-surmast Schembri studja wkoll it-tejorija, l-armonija u l-kontrapunt. Dan l-istudju bdieh taħt id-direzzjoni tas-surmast Antonio Muscat Azzopardi u wara komplieħ għand il-Professur Henry Galea. Barra dan Paul Schembri studja wkoll il-kompożizzjoni. Ma dan kollu ma' jistax jonqos l-impenn personali tiegħu biex ikompli javvanza fil-kamp mużikali.

L-ewwel kompożizzjonijiet tiegħu kienu jikkonsistu f'marċi allegri. L-ewwel marċ miktub mis-surmast Schembri jismu "St. Andrew's" u dan kien miktub fl-1961. Minn dak inhar 'l hawn qatt ma ħares lura u tul dan iż-żmien kiteb xejn anqas minn mitejn marċ.

Hawnhekk ta' min isemmi li minħabba l-impenji professjonali tiegħu ta' Accountant u Financial Controller mhux dejjem kien ilaħħaq mad-domanda li kellu għall-marċi miktuba minnu. Fatt kurjuż fil-kitba tal-marċi li kkompona matul iż-żmien, kien li kemm-il darba kien jikteb marċ f'perjodu ta' *weekend* , jippreparah sabiex ikun jonqsu biss li jiġi kkupjat għall-banda.

Fir-repertorju tas-surmast Schembri nsibu wkoll diversi kompożizzjonijiet oħra li jikkonsistu f'mużika klassika, mużika sinfonika, overtures, fantasia, sonatina, sinfojetta, rapsodija, valzi, mużika moderna, mużika tradizzjonali, mużika sagra, innijiet li jinkludu wkoll lirika miktuba minnu stess, marci funebri, kif ukoll mużika da ballo.

Fost dawn il-kompożizzjonijiet, tispikka ħafna l-*Fantasia Centenaria*, li nkitbet fl-1982 għall-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, li kien ġie ċċelebrat fl-1983.

Din il-Fantasia ġiet sottomessa għall-kompetizzjoni ta' mużika serja li saret f'Londra fl-1982 stess u rebħet id-*Diploma of Merit for Best Composition*. Il-ġurija f'din il-kompetizzjoni kienet preseduta mill-magħruf Dr Andrew Lloyd Webber li kellu kliem ta' tifħir u nkoraġġiment għal din il-kompożizzjoni.

Kompożizzjoni oħra notevoli fir-repertorju tas-surmast Schembri hija s-*Sinfonija Chiara* li ġiet miktuba fl-1988 għall okkażjoni ta' għeluq l-10 snin bħala surmast direttur tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Din il-kompożizzjoni kienet ukoll intgħażlet sabiex tkun *test piece* f'kompetizzjoni tal-baned li kellha ssir f'Malta stess.

L-aħħar kompożizzjoni li kkompona hija s-*Suite Bethsaida* li tikkonsisti f'żewġ; movimenti u finale. L-ewwel moviment

huwa spirat mill-anniversarju t'għeluq il-120 sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda. It-tieni moviment jiċċelebra l-25 anniversarju tal-kompożitur bħala direttur ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Il-finale li jibqa għaddej mit-tieni moviment huwa ddedikat għall-unur "Ġieħ Ħal Luqa" li ngħata s-surmast Paul Schembri fl-2002.



Is-surmast Schembri għamel żmien twil fir-reġiment tar-Royal Engineers. Matul dan iż-żmien huwa ħa l-opportunità sabiex għamel diversi korsijiet fosthom dak mużikali. Kien jattendi li skola ta' l-Army f'Beacon House. Huwa speċjalizza l-istudji tiegħu fil-mużika, *Accountancy* u *Management*. Wara dan il-perjodu ta' studju huwa kien ottjena l-*First Class Certificate* mill-Army Ingliża. Wara dan il-perjodu ta' studju huwa kompla jispeċjalizza l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta fejn kiseb żewġ diplomi (MISM, MIWM) fil-*Management*.

Fil-karriera mużikali tas-surmast Schembri nsibu li huwa dderieġa diversi baned kemm barranin kif ukoll Maltin. Minbarra l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija u l-Banda Vittoriosana San Lawrenz tal-Birgu, li tagħhom għadu surmast direttur, huwa kien wkoll surmast direttur tal-Banda Santa Marija tal-Qrendi, il-Banda Melita ta' l-Imsida kif ukoll ir-*Royal Airforce Band* ta' Malta. Ma' dawn huwa dderieġa diversi baned Ingliżi u Skoċċiżi fil-perjodu li għamel mar-*Royal Engineers Regiment*. Fil-fatt meta l-Banda Scoċċiża *Musselbrough Trades Brass Band* għamlet tour ġewwa Malta fl-1982 kien mistieden sabiex jidderieġi din il-banda huwa stess kemm iddum Malta tul dan it-*tour*. Fil-fatt għal dan il-għan kien mar l-Iskozja fil-perjodu ta' qabel sabiex jidderieġi wkoll il-provi qabel dawn ġew Malta.

Minbarra dawn il-baned li ssemmew hawn fuq, huwa dderieġa wkoll baned oħrajn fuq bażi temporanja. Fost dawn insibu l-Banda Duke of Connought's Own ta' B'Kara, u l-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid. Diversi minn dawn il-baned ħatru lis-surmast Schembri bħala Surmast Onorarju tas-soċjetà tagħhom bħala rikonoxximent tas-servizzi tiegħu.

Tul dan iż-żmien kollu attiv fil-qasam mużikali ta' pajjiżna, s-surmast Schembri ma jistax jonqos li għandu diversi memorji sbieħ. Fost dawn ta' min wieħed isemmi d-diversi drabi li dderieġa kemm fit-Tejatru Manoel fosthom il-banda tagħna, ġewwa l-Belt Valletta, kif ukoll diversi tejatri oħra madwar il-pajjiż. Is-surmast Schembri għandu memorji speċjali tal-programm mużikali li kien idderieġa fl-okkażjoni tal-festi ċentenarji ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija , fl-1983. Memorja sabiħa oħra li għandu s-surmast Schembri hija tal-kunċert sinfoniku li ttella' fl-okkażjoni tal-Millenju l-Ġdid fis-sala Sir Temi Żammit, l-Università nhar is-17 ta' Frar 2001. Ma jistax jonqos li l-aktar memorja sabiħa tas-surmast Schembri ikun propju l-Kunċert f'għeluq il-25 Anniversarju fid-direzzjoni tal-Banda Sant'Andrija, nhar is-Sibt 29 ta' Novembru 2003, kif ukoll reċentament l-Akkademja – *Al Martire San Andrea Apostolo* mtellgħa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa nhar is-Sibt 19 t'April 2008 fejn s-surmast rregala lil Banda Sant'Andrija kompożizzjoni ġdida l-*Poema Sagra Sant'Andrija*.